**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Ottubru 2020**

**Kawza Nru. 4**
**Rikors Nru. 9/20 JZM**

**Charles Azzopardi (ID.nru 711739M), Alfred Azzopardi (ID.nru 193047M), Maria Rosaria Azzopardi (ID.nru 487248M) u Jeffrey Azzopardi (ID.nru 767652M)**

***kontra***

**Ir-Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fil-11 ta` Marzu 2020 li jaqra :–
*Illi l-esponenti huma azzjonisti flimkien ma` ohrajn tas-socjeta`*

*Albert Azzopardi (Upholstery) Limited` (C-2312), liema socjeta` kienet tqeghdet fi istat ta` likwidazzjoni bonarja skont il-ligi. Dan kif jidher ill-anness estratt tal-vizwali mehud mill-website tar-Registratur tas-Socjetajiet hawn anness "DOK A".*

*Illi l-likwidatur prezenti Alex Agius ta` (37, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard), kien ircieva ittra li ggib id-data ta` 9 ta`Settembru 2019 fejn dan gie mgharraf illi s-socjeta` imsemmija kienet ilha fi stat ta` xoljiment u l-kontabilita` u denunzji tal-likwidazzjoni ma kienux saru. Ghalhekk, l-imsemmi likwidatur kien imwissi permezz ta` din l-ittra illi f`kaz li ma jkunx hemm twegiba fi zmien tliet (3) xhur sabiex tintwera raguni ghaliex is-socjeta` m`ghandhiex tithassar mir-Registru, l-istess socjeta` kienet ser titqies xolta u tithassar effettivament mir-Registru, u dan ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar is-Socjetatjiet 1995. Dan kollu kif jirrizulta mill-anness "DOK B".*

*Illi b`ittra risponsiva tat-12 ta` Settembru 2019, l-imsemmi likwidatur kien kiteb lir-Registratur tas-Socjetajiet kif ukoll kellem lir-Registratur stess, Joe Farrugia, fejn inghataw ragunijiet sabiex jispjega l-kawza tad-dewmien filwaqt ukoll li pprovda dokumenti sabiex isostni xi ragunijiet moghtija. L-imsemmi likwidatur ghalhekk talab lir-Registratur tas-Socjetajiet sabiex ma jghaddix ghax-xoljiment tal-imsemmija socjeta`. Dan kollu kif jirrizulta mill-anness "DOK C".*

*Illi minkejja dan, ad insaputa kemm tal-esponenti kif ukoll tal-likwidatur Alex Agius, is-socjeta` Albert Azzopardi (Upholstery Limited attwalment tqieset bhallikieku giet xolta u isimha thassar mir-Registru tas-Socjetajiet. Dan kollu kif jirrizulta minn estratt mehud tal-vizwali tal-website tar-Registru tas-Socjetajiet (Malta Business Registry), hawn anness "DOK D".*

*Illi l-esponenti jikkwalifikaw bhala persuni li a tenur tal-Artikolu 325 (4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ghandhom interess li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex f`kaz illi jinsabu aggravati bit-thassir ta` isem is-socjeta` mir-Registru tas-Socjetajiet, jitolbuha sabiex tirriprestina isem l-imsemmija socjeta` Albert Azzopardi (Upholstery Limited)` mill-gdid fuq ir-Registru ta`Socjetatjiet sabiex il-process tax-xoljiment u likwidazzjoni tal-istess socjeta` tkun tista` titkompla u tigi konkjuza skont il-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti, bis-setghat moghtija lilha, a tenur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu*

*386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li isem is-socjeta` `Albert Azzopardi (Upholstery) Limited` (C-2312), jigi ripprestinat fuq ir-Registru tas-Socjetajiet kif intqal fuq u ghar-ragunijet moghtija f`dan ir-rikors u fid-dokumenti annessi mieghu filwaqt li taghti wkoll dawk il-provvedimenti l-ohra kollha skont il-Ligi, u li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-2 ta` Gunju 2020 u li taqra hekk :-

*Illi fit-12 ta` Ottubru 2005, id-diretturi baghtu dikjarazzjoni skont l-Artikolu 268 tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995, fis-sens illi kienu tal-fehma illi l-kumpanija Albert Azzopardi (Upholstery) Ltd. (C 2312) tkun tista` thallas id-djun kollu taghha matul it-tnax-il xahar mid-data tax-xoljiment taghha u konsegwentement l-isem taghha seta` jigi ikkancellat minn fuq ir-Registru.*

*Illi fl-istess gurnata Dr Ian Crockford gie mahtur stralcjarju ta` din il-kumpanija.*

*Illi fis-7 ta` Dicembru 2005, l-istralcrarju baghat avviz lil esponent sabiex jinnotifikah bir-rizenja tieghu minn tali kapacita` b` effett mis-6 ta` Dicembru 2005.*

*Illi b`effett mit-12 ta` Ottubru 2005, l-ahhar direttur li kien ghadu fil-kumpanija in kwistjoni rrizenja minn direttur.*

*Illi konsegwentement fit- 30 ta` Jannar 2017, is-Sur Alex Aguis, baghat ghar-registrazzjoni avviz tal-hatra tieghu bhala stralcjarju.*

*Illi sussegwentement l-istralcjarju naqas ghal diversi snin mill-obligazzjonijiet legali tieghu milli jibghat id-dokumentazzjoni relevanti skont l-artikolu 322 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995.*

*Illi f` dawn ic-cirkostanzi r-registratur hass illi ghandu jipprocedi bil-procedura preskritta skont l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995.*

*Illi ghaldaqstant huwa mexa sabiex baghat il-korrispondenza u hareg il-publikazzjonijiet relevanti skont l-imsemmi Artikolu.*

*Illi minkejja illi r-registratur kien gie infurmat sabiex ma jkompliex bil-procedura preskritta fl-Artikolu imsemmi billi kien hemm xi affarijiet tal-kumpanija illi kienu ghandhom pendenti, ghal xi raguni saret it-tieni publikazzjoni fejn gie mgharraf illi l-isem tal-kumpanija Albert Azzopardi (Upholstery) Limited (C2312) kien gie mhassar minn fuq ir-registru.*

*Illi madanakollu permezz ta` publikazzjoni ulterjuri datata 13 ta` Marzu 2020, ir-registratur prova jirratifika zball genwin min-naha tieghu billi f` talli pubblikazzjoni, wara illi ghamel referenza ghaz-zewg publikazzjoni precedenti illi dehru fuq il-website tieghu u fuq gazzetta ta` kuljum hareg avviz fejn informa illi l-isem tal-kumpanija de quo ma kienx se jigi mhassar minn fuq ir-registru billl kien hemm raguni sabiex issir il-kuntrarju.*

*Illi r-registratur huwa lest illi joqghod ghal kull direzzjoni jew provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art. 325 tal-Kap. 386</u>

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta li, f`gheluq tliet xhur mid-data tal-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3),*

*tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali tal-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Tenut kont tal-fattispeci tal-kaz odjern, jirrizulta li l-intimat mexxa ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija de qua abbazi tas-subartikolu (3) waqt li r-rikorrenti mexxew bl-azzjoni tal-lum abbazi tas-subartikolu (4).

Ghax jirrizulta li huma azzjonisti tal-kumpannija in kwistjoni, ir-rikorrenti ghandhom il-kwalifika ta` "persuni nteressati" sabiex jintavolaw l-azzjoni. Del resto, anke jekk waqt stralc, il-kumpannija tkun rapprezentata minn stralcjarju, finalment, anke ghaliex, f`dan il-

kaz, si tratta ta` xoljiment u stralc volontarju ta` kumpannija, l-assi rimanenti taghha, wara li jkunu thallsu d-djun, jitqassmu fost l-azzjonisti skont skema ta` distribuzzjoni li jhejji l-istess stralcjarju.

**Dwar il-mertu tal-istanza promossa mir-rikorrenti**, il-Qorti hija sodisfatta, fuq l-iskorta tal-atti ta` dan il-procediment, b`mod partikolari d-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotur, u li ma kinux kontestati mill-intimat, li dak wassal ghall-azzjoni mill-intimat ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru skont is-subartikolu (3) kien kollu kemm hu dovut ghal zball intern fir-Registru tal-Kumpanniji, deskritt u kwalifikat mill-intimat stess fir-risposta tieghu, bhala "genwin" bla ma kien addebitat ebda nuqqas lir-rikorrenti. Wara li kien diga` prezentat ir-rikors odjern (11/03/2020) l-intimat ipprova jirrimedja ghall-izball bil-pubblikazzjoni ta` avviz (13/03/2020).

Tenut kont ta` dak li jinghad fl-Art. 325, hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti li l-pubblikazzjoni tal-avviz "rimedjali" mill-intimat mhuwiex bizzejjed sabiex igib lura l-*status quo ante* l-bidu tal-procedura li ha l-intimat skont is-subartikolu (3). Anke ghaliex huwa kompitu tal-Qorti li fil-provvedimenti taghha taghmel gustizzja skont il-ligi mal-partijiet, qeghda tesprimi ruhha fis-sens li pronunzjament formali min-naha taghha jkun dak indikat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez**, il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez, fl-ewwel lok ghaliex it-thassir tal-isem tal-kumpannija kien frott ta` zball tal-intimat, anke jekk genwin, li ghalih ma kienx hemm htija da parti tar-rikorrenti, u fit-tieni lok ghaliex anke meta l-intimat ipprova jirrimedja, dan ghamlu wara li kienet diga` prezentata l-azzjoni tal-lum.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi qeghda –**

**1. Tordna li l-isem Albert Azzopardi (Upholstery) Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2312 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Albert Azzopardi (Upholstery) Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2312 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Albert Azzopardi (Upholstery) Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2312 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Albert Azzopardi (Upholstery) Limited (C2312) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Albert Azzopardi (Upholstery) Limited (C2312) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**